**Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel**

**Sessjoni 2**

*Mill-20 sat-22 ta' Jannar 2023*



European Citizens Panel
food waste
Have Your Say

#FoodWasteEU

European Commission

# 1. Ħarsa ġenerali

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżula b'mod kawżali u jiltaqa' għal tlett sessjonijiet. Matul l-ewwel sessjoni, li saret mis-16 sat-18 ta' Diċembru 2022 fi Brussell, iċ-ċittadini ħolqu raggruppamenti ta' approċċi għall-prevenzjoni u t-tnaqqis fil-ħela tal-ikel li huma identifikaw bħala l-aktar promettenti għal aktar diskussjonijiet fis-sessjonijiet li jmiss. Wara s-sessjoni, il-Kumitat tal-Għarfien tal-panel imbagħad ġabar dawn ir-raggruppamenti fi tliet blokok tematiċi:

1. "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt"
2. "Inizjattivi fin-negozju tal-ikel"
3. "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"

It-tieni sessjoni tal-panel saret online mill-20 sat-22 ta' Jannar 2023. L-għan ta' din is-sessjoni kien li jibnu fuq l-approċċi li ffurmaw idea fl-ewwel sessjoni u li jabbozzaw l-ewwel ideat konkreti għar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini biex titnaqqas il-ħela tal-ikel. Wara proċess iterattiv ta' "rieżami bejn il-pari", iċ-ċittadini fit-12-il grupp ta' ħidma rrevedew, bnew il-ħidma ta' xulxin, u ressqu 22 idea għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Dawn se jiffurmaw il-bażi tal-iżvilupp tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-panel matul it-tielet u l-aħħar sessjoni.

Waqt il-panel, l-esperti li ġejjin kienu parti mill-Kumitat tal-Għarfien:

- **Anne-Laure Gassin**, *il-Kap tat-Tim tal-Unità għall-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea*
- **Toine Timmermans**, *il-Maniġer tal-Programm dwar il-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Università ta' Wageningen*
- **Gyula Kasza**, *il-Koordinatur ta' Maradék Nélkül (il-Proġett "Wasteless"), il-programm nazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerija, Professur Assoċjat fl-Università tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungerija*
- **Laura Fernández Celemín**, *id-Direttur Ġenerali tal-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-Ikel*
- **Maïwenn L´Hoir**, *il-Maniġer tal-Proġett għall-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel u l-insigurtà tal-ikel - ikel sostenibbli, fil-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel ta' Franza*

**<u>L-ewwel ġurnata (Il-Ġimgħa)</u>**

Il-Ġimgħa, iċ-ċittadini ntlaqgħu mill-moderaturi li ssuġġerew li l-parteċipanti jaqsmu l-esperjenza tagħhom fir-rigward tal-imġiba tagħhom dwar il-ħela tal-ikel mis-Sessjoni 1 (appoġġata minn xi stħarriġiet interattivi). Il-moderaturi mbagħad ippreżentaw fil-qosor l-aġenda tas-Sessjoni 2 liċ-ċittadini, qabel ma taw il-kelma lill-esperti għal preżentazzjoni ġenerali dwar l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis fil-ħela tal-ikel. L-ewwel, **Anne-Laure Gassin, il-Kap tat-Tim tal-Unità tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, fid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea**, aġġornat liċ-ċittadini bl-istatus tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-ħela tal-ikel. **Toine Timmermans, il-Maniġer tal-Programm tal-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Università f'Wageningen**, tkellem dwar l-indirizzar tal-ħela tal-ikel fil-livell nazzjonali u l-importanza ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Imbagħad, sensiela ta' esperti u prattikanti taw kontributi aktar speċifiċi fi tliet diskussjonijiet moderati tal-panel – wieħed għal kull blokka tematika. Il-kelliema kienu:

**Blokka tematika 1:** "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt"

- **Toine Timmermans**, *il-Maniġer tal-Programm tal-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Università f'Wageningen*

- **Dorothée Briaumont***, id-Direttur Eżekuttiv tas-SOLAAL*
- **Francisca Feiteira***, l-Uffiċjal tal-Politika dwar l-Ikel ta' Slow Food*
- **Fabien Santini***, id-Deputat Kap tal-Unità - Governanza tas-swieq agroalimentari fid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea*

**Blokka tematika 2:** "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel"

- **Ahmed Soliman***, id-Direttur għall-Kwalità fid-Disinn ta' Danone*
- **Marine Thizon***, il-Maniġer tal-Affarijiet Pubbliċi ta' HOTREC*
- **Fabrizio Fabbri***, il-Maniġer għas-Sostenibbiltà tal-Ikel ta' Euro Coop*
- **Eduardo Montero Mansilla***, l-Uffiċjal għall-Ikel ta' La Federación de Consumidores y Usuarios CECU*

**Blokka tematika 3:** "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"

- **Erica van Herpen***, il-Professur Assoċjat fil-Grupp ta' Mġiba għall-Kummerċjalizzazzjoni u l-Konsumaturi fl-Università ta' Wageningen*
- **Odile Le Bolloch***, ix-Xjenzjata Ambjentali tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent fl-Irlanda*
- **João Toledo***, l-Espert Nazzjonali fl-Organizzazzjoni għall-Produzzjoni Agroalimentari fil-Ministeru tal-Agrikoltura fil-Portugall*

**<u>It-tieni ġurnata (Is-Sibt)</u>**

Is-Sibt, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma parallel, appoġġati minn faċilitaturi b'esperjenza u interpretazzjoni simultanja. Matul **l-ewwel ċiklu** tal-ġurnata, kull blokka tematika ġiet assenjata lil erba' gruppi ta' ħidma li ntalbu jiffurmaw idea bbażata fuq il-kontenut tal-blokka tagħhom. Il-faċilitaturi kitbu l-idea(t) tagħhom fuq spreadsheets multilingwi li ġew interkonessi mal-gruppi l-oħra. Fit-**tieni ċiklu**, il-gruppi ġew assenjati blokka tematika differenti u ntalbu jipprovdu feedback dwar idea ffurmata minn grupp ieħor. Barra minn hekk, kull grupp kellu l-opportunità li jipproponi l-ideat tiegħu stess relatati mas-suġġett. Matul it-**tielet ċiklu** tal-ġurnata, il-gruppi ngħataw żewġ ideat oħra ffurmati qabel biex jikkummentaw dwarhom u wara setgħu jagħżlu bejn l-iżvilupp ta' idea ġdida u l-għoti ta' aktar feedback għal ideat diġà ffurmati mit-tieni ċiklu. Matul il-ġurnata kollha, iċ-ċittadini setgħu jressqu l-mistoqsijiet, li twieġbu matul il-weekend mill-esperti fiċ-"Ċentru tal-Għarfien u tal-Informazzjoni" (KIC)




**<u>It-tielet ġurnata (Il-Ħadd)</u>**

Il-Ħadd filgħodu, il-parteċipanti reġgħu ltaqgħu fil-gruppi ta' ħidma tagħhom għar-raba' u l-aħħar ċiklu ta' deliberazzjonijiet tal-grupp. Kull grupp ta' ħidma sar is-sid ta' żewġ jew tliet ideat f'blokka tematika partikolari waħda, u integra l-feedback riċevut minn gruppi oħra dwar dawk l-ideat partikolari. Il-gruppi mbagħad intalbu jikkonsolidaw is-sett ta' ideat assenjati lilhom. Wara, kull grupp ta' ħidma nħatar ċittadin biex jippreżenta l-ideat konsolidati tal-grupp għal rakkomandazzjonijiet f'format ta' plenarja

online u wieġeb għal aktar mistoqsijiet li tqajmu mill-moderaturi. Fl-aħħar nett, il-moderaturi prinċipali talbu liċ-ċittadini għal feedback u pprovdew prospettiva dwar is-Sessjoni 3.

## 2. Aġenda fil-qosor

| **Il-Ġimgħa (20/01)** | **Plenarja** | | |
|---|---|---|---|
| Mis-14:00 sas-14:30 | *Akkoljenza u familjarizzazzjoni (mingħajr interpretazzjoni)* | | |
| Mis-14:30 sat-15:00 | **Merħba u preżentazzjoni tal-aġenda** | | |
| Mit-15:00 sat-15:30 | **Preżentazzjonijiet dwar suġġett trasversali** | | |
| Mit-15:30 sal-15:40 | *Pawża* | | |
| Mill-15:40 sal-16:35 | **Diskussjoni moderata tal-panel dwar il-blokka tematika I: "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt"** | | |
| Mill-16:35 sal-16:45 | *Pawża* | | |
| Mill-16:45 sal-17:40 | **Diskussjoni moderata tal-panel dwar il-blokka tematika II: "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel"** | | |
| Mis-17:40 sas-17:50 | *Pawża* | | |
| Mis-17:50 sas-18:45 | **Diskussjoni moderata tal-panel dwar il-blokk tematika III: "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"** | | |
| Mis-18:45-sad-19:00 | **Ħarsa ġenerali tal-aġenda għall-jiem li ġejjin** | | |
| **Is-Sibt (21/01)** | **Gruppi ta' Ħidma** | | |
| Mid-09.30 sal-11.15 | **Ċiklu 1: Żvilupp ta' ideat għal rakkomandazzjonijiet** | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1-4: Blokka tematika II | Gruppi ta' Ħidma 5-8: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 9-12: Blokka tematika I |
| Mill-11:15 sal-11:30 | *Pawża* | | |
| Mill-11:30 sas-13:15 | **Ċiklu 2: Feedback dwar l-ideat u l-iżvilupp ta' ideat għal rakkomandazzjonijiet** | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1-4: Blokka tematika I | Gruppi ta' Ħidma 5-8: Blokka tematika II | Gruppi ta' Ħidma 9-12: Blokka tematika III |
| Mis-13:15 sat-14:45 | *Pawża għall-ikla ta' nofsinhar* | | |
| Mit-14:45 sal-16:00 | **Ċiklu 3, l-ewwel parti: Feedback dwar l-ideat u l-iżvilupp ta' ideat għal rakkomandazzjonijiet** | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1-4: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 5-8: Blokka tematika I | Gruppi ta' Ħidma 9-12: Blokka tematika II |
| Mill-16:00 sal-16:15 | *Pawża* | | |
| Mill-16:15 sal-17:30 | **Ċiklu 3, it-tieni parti: Feedback dwar l-ideat u l-iżvilupp ta' ideat għal rakkomandazzjonijiet** | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1-4: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 5-8: Blokka tematika I | Gruppi ta' Ħidma 9-12: Blokka tematika II |
| **Il-Ħadd (22/01)** | **Arranġament imħallat** | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mid-09:30 sal-11:30 | **Gruppi ta' Ħidma**<br>**Ċiklu 4: Konsolidazzjoni ta' ideat għal rakkomandazzjonijiet** | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1-4:<br>Blokka tematika II | Gruppi ta' Ħidma 5-8:<br>Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 9-12:<br>Blokka tematika I |
| Mill-11:30 sa 12:00 | *Pawża* | | |
| Minn 12:00 sas-14:00 | **Plenarja**<br>**Preżentazzjoni ta' ideat u tranżizzjoni għas-Sessjoni 3** | | |

## 3. Reġistrazzjoni tas-sessjonijiet plenarji

- **20.01.:** https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-2
- **22.01.:** https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-2-20230122